MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Numru 185/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Rosario Formosa**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Rosario Formosa ta’ 33 sena iben Nicholas u Rose nee Briffa imwieled tal-Pieta’ fit-13 ta’ Lulju 1973 u joqgħod 8 Lumiere Triq Patri Ġużeʼ Delia Mosta. Karta tal-identa’ bin-numur 318473 (M)

(a) Akkużat talli fit-2 ta’ Marzu 2007 u fil-jiem ta’ qabel ġewwa Buġibba u f’partijiet oħra f’dawn il-gżejjer , impjega jew ta xogħol lill-persuni li ma kinux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impieg jew

xogħol skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) U aktar talli bħala persuna responsabbli ta' Bella Vista Hotel ġewwa Buġibba u nħawi oħra f'Malta impjega persuni li ma kinux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;

(ċ) U aktar talli fl-istess ċirkostanzi bħala prinċipal jew il-persuna li timpjega persuni oħra full time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impieg kif hemm fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat (3184/73), il-fedina penal ital-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji,  id-dokumenti esibiti a fol 60 et u id-dokumenti a fol 68 sa 75.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Xhieda Prosekuzzjoni**

5. Skond ix-xhieda ta' **Chayka Halyna** (Passaport Numru 8A920959) hija kienet fil-Hotel Bellavista meta marru l-Pulizija u l-ispetturi tal-ETC. Hija kienet qed tnaddaf ir-reception area.  Hi kienet ilha  taħdem part time għal madwar 6 xhur iżda ġieli għamlet xahar jew aktar ma taħdimx. Kienet titħallas bis-siegħa iżda ma kenitx taf ir-rata.  Kienet tħallasha ċerta Louise, il-Housekeeper. Hija ma tafx min hu sid il-Hotel.  Lill-imputat kienet tarah fil-

Hotel iżda ma tafx min hu. Hija ma kellhiex work permit. (fol 11). Hija qatt ma kienet kellmet lill-imputat. (fol 12).

**L-Istqarrija tal-Imputat**

6. L-imputat qal li l-Bella Vista Hotel hija ta' B.V.Formosa Company Limited. Huwa qal li ma kienx jaf xejn fuq Chayka Halyna għax mhux hu kien jimpjegahom lin-nies. In-nies ikun impjegati mid-dipartiment li jkun qed imexxi is-sezzjoni fejn eventwalment ikunu impjegati l-individwi. Is-soltu jsib il-karti għall-work permit fuq id-desk u jiffirmahom hu. Huwa qal li kienu applikaw għall-work permit ta' Chayka Halyna iżda dan mhux għax kien jafu di scienza propria iżda għax qaltlu l-Housekeeper. Iċ-ċekkijiet kien jiffirmahom l-imputat iżda ma kienx jaf kemm kien il-ħlas li jingħata lil Chayka Halyna. L-imputat ma kienx jaf lil din il-persuna u qal li hu qatt ma ħaddem nies mingħajr permess tax-xogħol.

7. Xehed ukoll **John Calleja**, spettur tal-ETC. Huwa qal li waqt l-ispezzjoni kienu sabu persuna tnaddaf u din kienet mill-Ukraina u jisimha Lina Gaika. Din twieldet fit-28 ta' Jannar 1962. Ma kenitx fid-database tal-ETC.

**8. PC 350 Emmanuel Said u PC 380 Jesmond Blackman** ikkonfermaw ix-xhieda mogħtija minn John Calleja.

**9. Xehdet Jennifer Debono,** rappreżentant tal-ETC, li għamel riċerki ġewwa Steven Bradley u qalet li skond ir-records dan kellu permess mill-10 ta' Diċembru 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005 ma' Knights Limited (fol 32 u 33).

**10. WPC 265 Charlene Grech** xehdet li hija kienet akkumpanjat lil ċerta Marika Clark (Passaport Numru AK 920959).. Ix-xhud kienet infurmata li Marika Clark kienet qed taħdem fil-Hotel Bellavista mingħajr permess.

**Xhieda Difiża**

11. Xehed ir-rappreżentant tal-MTA **Dr Michael Camilleri** li qal li Malta Tourism Authority kellha żewġ liċenzji li

jgħajtu lil Rosario Formosa – il-premises huwa Bellavista Apart Hotel fi Triq it-Turisti St Paul’s Bay (mill-19.07.2008)

12. Meta xehed **it-tieni darba** (4 ta’Frar 2009 a fol 58), u qal li l-liċenzja fuq Hotel Bellavista, Qawra Coast Road, Qawra qegħda fuq **Nicholas Formosa**.

13. Dr.Michael Camilleri xehed li Nicholas Formosa (ID 438850(M)) kellu l-liċenzja tal-lukanda Bellavista Hotel fis-snin 2005, 2006 u 2007. (fol 66). Il-Liċenzja qegħda hekk: ‘Nicholas Formosa obo BC Formosa Company Limited.’

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punti ta’ Liġi**

14. Skond it-test tal-artikolu 32 tal-Kap 217 **‘kull persuna’** tista’ tinstab ħatja li ħaddmet lil xi persuna mhux eżenti mingħajr permess tax-xogħol.

15. Skond ir-regolament 3 (a)  tal-Avviż Legali 110 tas-sena 1993, ‘kull peruns, hawn iktar ‘il quddiem imsejħa prinċipal, li timpjega lil xi persuna ‘whole time’ jew ‘part time’ jew b’xort’oħra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova għandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b’dak l-impieg kif hawn stabbilit.

16. Min-naħa l-oħra l-Interpretation Act (Kap 249) jipprovdi hekk:

*‘association of*
*persons.*

***‘13.*** *Where any offence under or against any provision contained in any Act, whether passed before or after this Act, is*
*committed by a body or other association of per sons, be it*

*corporate or unincorporate, every person who, at the time of the commission of the offence, was a director, manager, secretary or other similar officer of such body or association, or was purporting to act in any such capacity, shall be guilty of that offence unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence:*

*Provided that, except in respect of offences under or against a provision contained in an Act in which a provision similar to that of this article occurs, the provisions of this article shall apply only to offences committed after the commencement of this Act.'*

17. Id-difiża tellgħet jixhed lil Dr Michael Camilleri tal-Malta Tourism Authority sabeix ikun ikkonfermat min tassew għandu l-liċenzja ta' Bellavista Hotel Company Limited.

18. Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-licensee mhux l-imputat iżda hija persuna oħra Nicholas Farrugia. Jiġifieri l-liċensee mhux l-imputat.

19. Madankollu, ebda wieħed mit-testi li għalihom saret aktar 'il fuq ma jsemmi li l-persuna li jimpjega jridi ikun 'licensee' tal-post sabiex jitqies li wettaq reat jekk impjega mingħarj l-awtorita'meħtieġa. Fil-każ tal-Kap 217, tista' tkun kull persuna waqt li fil-każ tar-regolament 3(a) tal-A.L. 110 tal-1993 dan irid ikun il-prinċipal u mhux bil-bors il-Licensee. Għal finijiet tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act, wieħed jista' jkun direttur, manager, segretarju jew uffiċjal simili għal waħda minn dwn il-karigi.

20. Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa’ s-sottomissjoni tad-difiża li biex wieħed jisntab ħati taħt ir-regolamenti jew taħt il-Kap 217 jinħtieġ li jkun il-Licensee.

**Punti ta’ Fatt**

21. Il-Qorti qed tiskarta x-xhieda ta’WPC 265 Charlene Grech minħabba li din xehdet dak li qal ħadd ieħor u dan jammonta għal ‘hearsay evidence’. (fol 35) ‘Qaluli….’(fol35).

22. Qed tiskarta wkoll ix-xhieda ta’ Jennifer Debono, rappreżentant tal-ETC għaliex din ix-xhieda ma tindikax fejn instab jaħdem bla permess Steven Bradley u f’liema dati. (ara fol 32 et).

23. Qed tiskarta wkoll ix-xhieda lit a John Calleja għax ma indika ebda data meta xehed dwar Lina Gaika tal-Ukrajna. (fol 20- 21).

24. Dwar il-persuna Chayka Halyna hemm referenza għad-data fl-istqarrija tal-imputat għax intużat il-kelma ‘illum’ u d-data hija l-istess bħal dik taċ-ċitazzjoni (2 ta’ Marzu 2007).

25. Chayka Halyna xehdet fis-6 ta’ Marzu 2007 li kienet ilha taħdem on and off fil-Hotel Bellavista għal madwar 6 xhur.

26. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ippruvat li din il-persuna kienet barranija (ara n-numru tal-passaport) u li kienet impjegata fil-Bellavista Hotel mingħajr work permit. (Ara fol 11).

27. L-imputat qal ma kienx jaf jekk kienx il-bniedem responsabbli u li n-nies kienu jkunu impjegati mill-uffiċjal responsabbli skond id-dipartiment li jkun il-ħtieġa li jimpjega n-nies.

28. Iżda min-naħa l-oħra meta kien mistoqsi:

***'Taf min iffirma għall-work permit f'isem Chayka Halyna?'***

l-imputat wieġeb:

***'Il-karta iffirmajtha jiena għax bħas-soltu sibtha fuq id-desk.' (fol 15).***

29. Minn dan il-kliem il-konklużjoni hija li d-diversi dipartimenti tal-Lukanda Bellavista fl-aħħar kienu jduru għand l-imputat għall-firma sabiex jinħareġ il-permess mill-ETC. Ukoll jekk dan kien jagħmlu mekkanikament mingħajr ma jkun jaf il-persuna individwali, l-imputat kellu r-rwol ta' prinċipal. Min kien ikollu bżonn in-nies ma kienx jaqbad u jiffirma l-karti hu għall-permessi. Il-Qorti mhix konvinta li l-imputat ma kienx jaf x'qed jiġri u hija konvinta wkoll li r-rwol tiegħu hija ta' xi ħadd li qed jieħu ħsieb u fil-fatt huwa l-imputat li qed jimpjega n-nies. U għall-fini tal-Kap 217, bħalma diġa' ntqal, titqies 'kull persuna' bħala responsabbli ta' barrani bla permess.

**Konklużjoni**

30. Il-Qorti, wara li rat l-arftikolu 17(h) tal-Kap 9, l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 u r-regolamenti 3(a) u 7 tal-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' €1164.69 (Lm500) liema multa tista' titħalls b'rata ta' 80 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------